MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Numru. 87/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Billel Malek ta' 21 sena, iben Tahar u Houria nee' Cira, imwieled Casbah Algeria nhar it-3 ta' Ottubru, 1988 u residenti
fil-fond mhux maghruf, Msida, Malta, detentur tal-passaport Algerin bin-numru 5871308(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Billek Malek li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Novembru, 2009, hekk ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs), gewwa il-fond minghajr numru fit-Triq Sant'Indrija, Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa gewwa dawn il-Gzejjer;

1) Ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-persuna u bil-valur liema valur huwa ta' aktar minn elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u liema serq sar ghad-detriment ta' Elbadr Tousra (ID No. 41730°);
2) U akatr talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-siehba tieghu Albadr Yousra f'periklu car, hebb ghaliha, b'oggett iebes u jaqta' u kkagunalha griehi ta' natura gravi fuq il-persuna u dan kif iccertifikat minn Dr. Marlene Attard MD;
3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad armi kontra l-persuna tas-siehba tieghu Elbadr Yousra ID No. 41730A);
4) U Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lis-siehba tieghu Albadr Yousra (ID No. 41730°) bi strument jaqta u bil-ponta (mus);
5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument jaqta u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tapplika l-artiklu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska ta' l-arma;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikolu tal-Ligi maghmul mill-Avukat Generali tat-23 ta' Frar, 2010;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi huwa u l-vittma llum irrikonciljaw u ghandhom tarbija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c) (e), 279 (a), 280 (1), 216 (b) (d), 217, 339 (1) (b), 222 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum, kif ukoll multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------